# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum id-19 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 468 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Justin LOFREDA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-8 ta' Novembru 2017 fil-konfront ta' **Justin LOFREDA** karta tal-identità bin-numru 281589M li ġie mixli talli (in suċċint) fit-13 ta' Ġunju 2016 għall-ħabta tat-13:20 fi Triq is-Sbiħ, Ħal-Qormi, saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni TUR 075 :

   i. B'manjiera perikoluża;
   ii. B'manjiera traskurata;
   iii. B'manjiera bla kont;
   iv. B'veloċita aktar milli messu;

v. b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ħabat ma vettura numru GBN 574 u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Kathleen Sarah Dear;

vi. b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ħabat ma vettura numru LCC 584 u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Alexander Bunduc;

vii. b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ħabat ma vettura numru DQZ 882 u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Meli Car Rentals;

viii. b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ħabat ma barriers li hemm fl-imsemmija triq involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Transport Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddisponiet minn din il-kawża bil-mod segwenti:

   Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet u t-tmien akkuzi, issibu hati tal-akkuzi l-ohrajn kollha b'dan illi t-tieni imputazzjoni hija assorbita fil-hames, is-sitt, is-seba u t-tmien akkuzi u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta €500.

3. Illi permezz ta' rikors datat 14 ta' Novembru 2017 Justin LOFREDA interpona appell mis-sentenza imsemmija aktar il-fuq fejn huwa preliminarjament saħaq li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tosserva r-rekwiżiti *ad validitatem* tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk is-sentenza appellata hija nulla peress li fil-parti dispositiva tagħha il-Qorti tal-Maġistrati **naqset milli ssemmi l-artikolu tal-Liġi** li jikkontempla r-reat. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li :

Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ***ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat***.

4. Illi dwar dan il-punt l-appellant għandu raġun. Illum huwa *ius receptum* li tali nuqqas t'adeżjoni mar-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huwa meqjus bħala nuqqas ta' formalita sostanzjali li jimporta n-nullita tas-sentenza appellata, li saħansitra jista' anke jitqajjem *ex officio*.

## ***Deċide***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi.

*Aaron M. Bugeja*

*Imħallef*